TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Gillian Ellul

vs

Maltapost plc

CCT 200/21/MS

22 ta' Marzu 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-23 ta' Novembru 2021 fejn talbet is-somma ta' elf euro, valur tas-suq ta' qanpiena li hija baghtet lejn l-Amerika tramite s-socjeta' intimata permezz ta' posta registrata u rintraccabbli, liema qanpiena intilfet u ma setghetx tigi rintraccjata mill-kumpanija.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata pprezentata fit-22 ta' Dicembru 2021 fejn eccepiet illi t-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u li r-rikorrenti diga nghatat kumpens mis-socjeta' intimata fis-somma ta mitejn tlieta u tletin euro u tlieta u sittin centezmu (€233.63) u ma jezisti l-ebda bazi legali u/ jew fattwali sabiex ir-rikorrenti tippretendi xi ammont ohra mis-socjeta' esponenti. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi illi fit-13 ta' April 2021, ir-rikorrenti marret ghand fergha tal-Maltapost f'Hal-Lija sabiex tibghat qanpiena li kienet ippakkjata go kaxxa u tizen 30 kilo lejn l-Amerika permezz ta' servizz ta' posta registrata. Ir-rikorrenti tghid illi meta staqsiet fuq is-servizz l-agent qallha illi l-kaxxa tkun tracked u allura kellha serhan il-mohh illi dan l-oggett ma kienx ser jintilef u kien ser jasal. Tghid ukoll illi l-ufficjali staqsieha jekk xtaqitx taghmel insurance, pero' gialdarba l-oggett kien tracked, hi dehrilha li ma kienx hemm ghalfejn.
Ir-rikorrenti qalet illi l-firma indikata fid-dokument CN23 fejn hemm miktub li l-valur tal-oggett ma jaqbizx il-mitt euro mhijiex taghha u uriet l-ID card bhala prova ta' dan. Qalet

illi ma tafx ghaliex dak il-valur gie imnizzel u qatt ma giet mitluba ghall-ircevuta jew ghal xi tip ta' valur. Qalet ukoll illi iktar mill-elf euro li qed tintalab, hija tixtieq li jigi rintraccjat l-oggett ghaliex ghaliha ghandu valur sentimentali u jiswa hafna izjed minn elf Euro. Esebiet ukoll ritratt tal-qanpiena u ritratt iehor illi huwa simili ghal taghha, fejn hemm indikat il-valur ta' tmien mitt euro.

Illi xehed ukoll Shawn Dingli, Head Customer Care officer fi hdan is-socjeta' intimata li qal illi dan il-kaz kien qed jigi processat mill-precedessur tieghu. Qal ukoll illi l-persuna li kienet qed tiehu hsieb il-kaz kienet ghamlet enquiry mal-posta ta' barra tramite s-sistema internazzjonali tal-posta u l-item kien gie dikjrat mitluf minghand l-UPS.
Spjega li meta jigri hekk, il-flus li huma jkunu nghataw min-naha tal-USPS jigu rilaxatti favur ir-rikorrent, ghaliex huma jassumu r-respomsabbilita'. B'kollox huma hallsu lir-rikorrenti €233.65 - €133.65 kien il-valur tal-postagg u €100.00 kien il-valur iddikjrat fuq il-customs declaration mir-rikorrenti. Spjega illi fuq din id-dikjrazzjoni hemm indikat il-firma tal-persuna li jkun qed jibghat il-pakkett (f'dan il-kaz ir-rikorrenti). Qal illi f'dan il-kaz ir-rikorrenti uzat is-sistema ta' *parcel post,* li ghandha iktar *trackability m*inn semplici posta registrata, u f'kaz li hemm hsara jew telf tal-pakkett, dak li jkun ikun eligibbli ghal iktar kumpens. Il-massimu li wiehed jista' jiehu f'kaz ta' posta registrata huwa tletin euro, mentri il-massimu f'kaz ta' *parcel post* huwa ta' hames mitt euro. Spjega li meta oggett ikun t*rackable* dan iffisser illi huma jkollhom il-facilita' biex huma jaraw fejn wasal il-pakkett u f'dan il-kaz, l-ahhar *tracking ju*ri li wasal ghand l-USPS, u kien ghalhekk li dawn tal-ahhar assumew ir-responsabbilta' tat-telf. Qal illi ma kien hemm l-ebda negligenza da parti tas-socjeta' intimata u fil-fatt il-kumpens gie imhallas min-naha tal-USPS.
Ikkonferma illi c-cekk li hareg qatt ma ssarraf mir-rikorrenti.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din l-istanza, ir-rikorrenti qieghda titlob is-somma ta' elf euro - li huwa l-valur approssimativi ta' kemm dawn il-qniepen jinbieghu fis-suq. Min-naha taghha, is-socjeta' intimata qieghda tistrieh fuq il-fatt illi hi diga offriet lir-rikorrenti kumpens ta' €233.63, in kwantu ghas-somma ta' mitt euro rapprezentanti l-valur tal-pakkett indikat mir-rikorrenti stess fid-dokument CN23, u in kwantu ghal €133.63 - ir-rifuzjoni ta' postage fees imhallsa mir-rikorrenti ghas-servizz postali.

Ikkunsidra

Illi jibda biex jinghad illi Shawn Dingli ma kienx il-persuna illi qeda r-rikorrenti dakinhar u dahal fil-kaz wara li l-pakkett kien intilef. Ghalhekk it-Tribunal irrid joqghod fuq il-versjoni moghtija mir-rikorrenti, liema versjoni hija verosimili, plawzibbli u kredibbli. Ir-rikorrenti ma qaghditx ddur mal-lewza - ghamlitha cara illi hi giet mitluba jekk reditx taghmel insurance, izda ghazlet li ma taghmlux peress illi dehrilha li setghet isserrah

mohhha gialarba dan l-oggett kien ser jigi tracked. It-Tribunal huwa daqstant perswaz illi r-rikorrenti ma ffirmat l-ebda dokument (CN23) u li l-firma li hemm indikat mhijiex taghha. Ir-rikorrent gabet prova ta' dan il-fatt u uriet l-ID card taghha, li huwa identiku ghall-firma li hemm indikat fl-avviz tat-talab, u li ma tixbah xejn il-firma li hemm fuq il-formola CN23.

Apparti minn hekk, l-asserzjoni min-naha taghha li l-firma mhijiex taghha ma giet kontradetta jew kontestata mlll-kontro-parti. Ghalhekk, it-Tribunal huwa propens li jemmen il-versjoni tar-rikorrenti - li hi qatt ma ntalbet il-valur tal-oggett u qatt ma ffirmat l-ebda dokumentazzjoni. Dan ifisser, kwindi, illi xi hadd iehor iffirma d-dokument, u l-probabbilita hi, illi kien xi hadd mis-socjeta' intimata. Ghalhekk, anke jekk, il-pakkett wasal ghand il-USPS, it-Tribunal ma jistax jaqbel ma' Shawn Dingli meta ighid illi ma kien hemm l-ebda tort jew negligenza da parti tas-socjeta' intimata.

Illi skond dak li ntqal minn Shawn Dingli, f'kaz li jintilef oggett li jkun registrat bil-mod tal-posta li ghazlet it-rikorrenti, din setghet tiehu kumpens sa hames mitt euro, basta li l-oggett ikun gie dikjarat. Pero' kien sta ghall-agent illi jiltobha din l-informazzjoni u fin-nuqqas ir-rikorrenti m'ghandhiex tbaghti hi. Il-fatt illi l-valur tal-oggett gie moghti valur ta' mitt euro (u dan mhux minn informazzjoni mitluba jew pprovduta mir-rikorrenti), u l-firma ma kenitx tappartjeni lir-rikorrenti, ma jawgura xejn tajjeb.

Illi mix-xhieda ta' Shawn Dingli, jidher car illi s-sistema li uzat ir-rikorrenti kienet sistema stmata hafna, fis-sens illi kienet toffri iktar sigurta' u garanzija minn semplici posta registrata. Illi skond l-artikolu 2 tal-Kap 254 tal-ligijiet ta' Malta, t- tifsira ta' oggett reġistrat hija "servizz li jkun jipprovdi garanzija bi ħlas wieħed (fit-test ingliz imfisser bhala flat-rate guarantee against risk, loss or damage) kontra riskji ta' telf, serq jew ħsara u li jkun jipprovdi lill-mittent, meta jkun hekk adatt fuq talba li jagħmel, bi prova li l-oġġett postali jkun wasal u, jew tqassam lill-persuna indirizzata."

Dan ifisser li bil-metodu li ghazlet ir-rikorrenti, hi missha kienet sigura iktar, u ghalhekk jista' jaghti l-kaz, illi mill-informazzjoni li nghatat, hi tpoggiet f'sens ta' sigurta' falza. Apparti minn hekk, ir-rikorrenti qatt ma ntalbet il-valur tal-oggett mill-operatur postali. Dan gie indikat b'mod arbitru u hemm ukoll firma li zgur mhijiex tar-rikorrenti. Ghalhekk, it-Tribunal jidhirlu illi anke jekk ma giex ippruvat element ta' malafidi, zgur li kien hemm element ta' traskuragni min-naha tal-operatur postali. Ma kien hemm l-ebda diskors fuq kumpens f'kaz ta' telf, mentri skond kif xehed Shawn Dingli, li kieku l-operatur talabha l-valur tal-oggett, ir-rikorrenti setghet tiehu massimu ta' hames mitt euro bhala kumpens.

Illi ghalkemm it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ghandha ragun fit-talba taghha, min-naha l-ohra, it-Tribunal ma jistax jinjora l-fatt illi r-rikorrenti giet offruta l-possibilita' li taghmel

insurance, u hi rrifjutat, possibilment ghaliex l-operatur taha x'tifhem illi ma kien hemm l-ebda riskju ta' telf Pero' t-Tribunal ihoss illi anke dan il-fatt ghandu jittiehed in konsiderazzjoni u ghandu jkun hemm temperament fl-ammont moghti minn dan it-Tribunal.

Ghalhekk, apparti l-ispejjes postali li nefqet ta' €113.65, ir-rikorrenti ghandha tiehu l-massimu ta' kumpens li kienet tkun intitolata ghaliha bil-sistema tal-posta registrata li hi ghazlet, u cjoe' hames mitt euro, li kieku giet mitluba l-valur tal-oggett mill-operat postali.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribuna jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzialment it-talba tar-rikorrenti u jordna l-isocjeta' intimata thallasha s-somma ta' €633.65. Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D.

Arbitru